Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9233 — Fosun International/Tom Tailor)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 18/08)

1. Fil-21 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Fosun International Limited ("Fosun International", iċ-Ċina),

— Tom Tailor Holding SE ("Tom Tailor", il-Ġermanja).

Fosun International takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Tom Tailor kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' mezzi oħra, marbuta ma' tnaqqis fir-rati ta' attendenza għal-laqgħat annwali tal-azzjonisti ta' Tom Tailor.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Fosun hija parti minn grupp Ċiniż b'attivitajiet (i) fil-farmaċewtiċi, is-servizzi mediċi u tas-saħħa, (ii) fit-turiżmu, ir-rikreazzjoni, prodotti tal-moda u għall-konsumatur, u (iii) fl-assigurazzjoni, il-finanzi u l-investiment.

— Tom Tailor hija kumpaniji Ġermaniża tal-ħwejjeġ tal-moda li toffri prinċipalment ħwejjeġ każwali klassiċi u moderni għall-irġiel, in-nisa u t-tfal.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9233 — Fosun International/Tom Tailor

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.